**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ħamis 22 ta' Lulju, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 32**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 32 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
32.5 Rapporti;
32.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
32.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
32.8 Aġġornament dwar l-Ingaġġ ta' Persuna Klerikali mal-Kunsill Lokali;
32.9 Approvazzjoni tar-Rapport t'Evalwazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – RSKP 49/21 – Restawr tal-Pittura Titulari ta' Santa Katarina li tinsab fil-Kappella ta' Santa Katarina tat-Torba fil-Qrendi;
32.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
32.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-32 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Hamis 29 ta' Lulju, 2021 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

32.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

31.2.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

32.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

32.2.1 Il-Minuti tal-31 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Charles Zerafa.

32.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 32.3, 32.4 u 32.5 jiġu diskussi wara Minuta 32.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

32.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

32.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li perit tal-proġett bagħtilna kopja tal-pjanti tal-ġiebja.

32.6.2 Informahom ukoll li qed isir l-iskavar tal-ġiebja u kif ukoll qed isir xogħol ta tkaħħil kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa tal-binja amministrattiva.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 32.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

32.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi sew. Bħalissa qed jitneħħa l-irdim minn quddiem il-kappella sabiex titnaddaf l-area.

32.7.2 Qal li jistgħa jkun hemm żjara mis-Segreatarju Parlamentari sabiex isegwi x-xogħol li qed isir.

32.7.3 Il-Viċi Sindku saqsa ladarba l-proġett jitlesta hux ser isir il-pavimentar tal-pjazza. Is-Sindku nforma li qed isir kuntatt mal-UIF fir-rigward peress li kienu wegħduna li jgħaddulna €100,000 minħabba l-panelli solari li kienu saru fi Triq is-Siġġiewi.

32.7.4 Jidher li l-applikazzjoni min-naħa tagħhom għadha ma ġietx konkluża mal-Awtorita tal-Ippjanar u għalhekk l-fondi għad ma jistgħux jiġu użati. Ladarba jseħħ dan, nistgħu nużaw il-fondi sabiex isir il-pavimentar jew xi xogħol ieħor.

32.7.5 Is-Sindku kompla billi qal li l-Malta Tourism Authority wegħdet li ser tisponsorja d-dwal kemm ta' barra kif ukoll ta' ġewwa l-kappella. Jidher li l-fondi jistgħu jingħataw lil Parroċċa dirett minflok lil Kunsill Lokali. Għadhom qed isiru diskussjonijiet fir-rigward.

## 32.08 AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TA' PERSUNA KLERIKALI MAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

32.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-impjegata l-ġdida bdiet taħdem magħna u qed tagħmel xogħol ta *customer care* kif ukoll permessi. Qed taħdem fuq bażi ta tletin siegħa fil-ġimgħa, inkluż is-Sibt.

32.08.2 Jidher li integrat sewwa fix-xogħol.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

32.09 **APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT T'EVALWAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC-RSKP 49/21 – RESTAWR TAL-PITTURA TITULARI TA' SANTA KATARINA LI TINSAB FIL-KAPPELLA TA' SANTA KATARINA TAT-TORBA FIL-QRENDI**

32.09.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kumitat t'Evalwazzjoni ltaqa' u għamel l-evalwazzjoni tiegħu.

32.09.2 Qal li l-Kunsill Lokali għandu rapport quddiemu li jindika li l-irħas offerent teknikament konformi ma' dak mitlub fit-tender kienet Amy Sciberras għas-somma ta' €9,238.00.

32.09.3 Il-Kunsill irċieva minn offerent ittra ta' protest fejn din intbagħtet lid-dipartiment għal direzzjoni u qegħdin nistennew risposta mingħandhom.

32.09.4 Għalhekk għalissa l-proċesss biex jibda x-xogħol fuq il-proġett ma jistax isir.

32.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

32.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar laqgħa konna tkellimna dwar linji gwida u bye-law dwar termini u kundizzjonijiet għal tqegħid ta' oġġetti quddiem il-ħwienet tal-Qrendi tal-2021.

32.3.1.1 Dawn it-termini ġew amendati hekk kif diskussa u issa ser jintbagħtu lid-dipartiment għall-approvazzjoni. Ladarba dawn jiġu approvati naraw inkunux nistgħu nibdew naħdmu fuq *bye-law*. Sar qbil unanimu fir-rigward.

32.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Sqaq nru 1 u nru 2, Triq is-Salvatur, fejn dawn ser isiru xi xogħolijiet ta bdil tas-servizzi tal-ilma min-naħa tal-Water Services Corporation. Peress li l-Kunsill kien diġa qed jippjana li jagħmel dawn l-istess sqaqien bl-imprint, sar ftehim mal-WSC sabiex dawn l-isqaqien isiru in-kollaborazzjoni magħhom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

32.3.2.1 Permezz ta' dan il-ftehim il-kunsill ser joħroġ is-somma ta' €25,463.98 sakemm ma jkunx hemm xi varjazzjonijiet, f'dak il-każ il-kunsill ikollu joħroġ id-differenza. Sar qbil unanimu fir-rigward.

32.3.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jistgħux isiru s-servizzi tad-dawl u l-internet minn taħt l-art. Is-Sindku informa li saret talba lil Enemalta fir-rigward u qed nistennew risposta.

32.3.3 Il-kamra ġiet infurmata mis-Sindku David Schembri l-Kumitat t'Evalwazzjoni ltaqa' u għamel l-evalwazzjoni tiegħu fir-rigward tat-tender tal-latrini pubbliċi .

32.3.3.1 Qal li l-Kunsill Lokali għandu rapport quddiemu li jindika li l-irħas offerent teknikament konformi ma' dak mitlub fit-tender kien Christopher Bonello għas-somma ta' €19,990.00.

32.3.3.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li r-rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni għandu jiġi aċċettat, bil-Viċi Sindku Patrick Bugeja jissekonda.

32.3.3.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dan ir-rapport.

32.3.4 Is-Sindku David Schembri qal li issa l-Ġnien tal-Warda jinsab lest.

32.3.4.1 Qal ukoll li hemm ċans li napplikaw għall-fondi mal-Planning Gain Funding sabiex nieħdu 80% tas-somma jew 100% tas-somma jekk ir-Reġjun ikun bi sħab fil-proġett.

32.3.4.2 Il-proposta ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun u sadanittant il-Perit tal-Kunsill qed iħejji l-affarijiet meħtieġa.

32.3.5 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku David Schembri li x-xogħol fuq Sqaq il-Lewż issa tlesta.

32.3.5.1 Il-ħsieb huwa li 'l quddiem il-Kunsill jagħmel xi siġar sabiex tissebbaħ l-area.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

32.3.6 Is-Sindku David Schembri informa ukoll li fi Triq Ħal Lew beda x-xogħol tat-triq minn Infrastructure Malta.

32.3.6.1 Spejga ukoll li qed isiru diskussjonijiet mal-perit tal-proġett minħabba l-istorm water u *ranges* tal-piroteknika peress li dawn huma l-ikbar żewġ problemi li hemm fit-triq.

32.3.6.2 Wara li saret diskussjoni fir-rigward, ġie ssuġġerit li minflok jitħawlu siġar, isiru arbuxelli sabiex ikun hemm inqas periklu f'każ li jaqbdu meta jinħarqu l-murtali.

32.3.6.3 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja tkellem dwar gradilja li kellha tiġi rranġata fl-istess triq. Is-Sindku qal li t-talba intbagħtet lil Infrastructure Malta peress li din tagħmel parti mill-istess problema.

32.3.7 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-pjanti tal-parkeġġ li Transport Malta qed tipproponi li jsiru, fejn dawn ma kkonsultawx mal-kunsill imma bagħtulna l-pjanti biex napprovawhom. Is-Sindku żied li hu infurmahom li ladarba ma konniex minn qabel ikonsultati l-Kunsill mhux ser jieħu pożizzjoni.

32.3.7.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis saqsiet jekk hemm diskussjonijiet dwar li jsiru CCTV's f'Wied iż-Żurrieq. Is-Sindku nfurmaha li bħala Kunsill tlabna li jkun hemm żewġ *cameras* fil-parking.

32.3.8 Is-Sindku kompla jinforma l-kamra li t-Tender għar-retawr tal-Kappella tal-Grazzja ġiet *awarded*. Qed nistennew li niddiskutu mal-perit tal-proġett, il-kappillan u l-kuntrattur sabiex ikun jistgħa jibda x-xogħol.

32.3.8.1 Appena jibda l-proġett jiġi mistieden l-Ministru li kien tat-Turiżmu peress li dan il-proġett ser isir fuq inizjattiva tagħha.

32.3.9 Is-Sindku qal ukoll li fit-30 ta' Settembru sat-3 t' Ottubru ser tiġi delegazzjoni tal-Erasmus (Laracha Network)

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

32.3.9.1 Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jipprovdi sala u *refreshment* żgħir u ser ikun hemm ġurnata fejn ser jiġu mistiedna biex jagħmlu mawra fir-raħal tagħna.

## 32.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

32.4.1 Is-Sindku ta' l-kelma lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn din tkelmet dwar il-paġna u l-profil tal-Kunsill Lokali fuq Facebook.

32.4.1.1 Ġie deċiż li l-Kunsill jibda juża biss il-paġna Il-Qrendi Local Council u l-profil Joseph – Kunsill Lokali Qrendi ma jibqax jintuża.

32.4.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar jekk jistgħux isiru dwal maż-żebra crossing li hemm fi Triq it-Tempesta. Ser niktbu lil Infrastructure Malta fir-rigward.

32.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar l-*speed humps* fi Triq il-Madonna tal-Grazzja, fejn qalet li tkelmet man-nies u dawn aċċettaw li ssir.

32.4.3.1 Dan għandu jiġi kkonfermat billi jinġabru firem mill-istess residenti, kif ukol pjanta ta' fejn qed tiġi proposta li ssir sabiex inkunu nistgħu ngħaddu t-talba lil Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom.

32.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis saqsiet ukoll dwar ir-*railing* qrib l-iskall ta' Wied iż-Żurrieq. Is-Sindku nfurmaha li saret talba lit-Tourism Zone fir-rigward.

32.4.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jekk hux ser inkomplu naħdmu fuq il-paġna tal-Kunsill minħabba li kien hemm il-problema aħniex eleġibbli jew le.

32.4.5.1 Is-Sindku nfurmah li jagħti risposta aktar il-quddiem fir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 32.5 <u>RAPPORTI</u>

32.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 32.10 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

32.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €66,213.33 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 07/21 u €54.70 skont il-Petty Cash Ref Y/6

32.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

32.10.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

32.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 32.11 <u>TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS</u>

32.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 24 t' Awwissu, 2021 fil-17:30.

____________________

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

____________________

**David Schembri**
**Sindku**